SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla Estiża)

21 ta' April 2021 *

"Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea MONOPOLY – Raġuni assoluta għal rifjut – *Mala fide* – Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 59(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)"

Fil-Kawża T-663/19,

Hasbro, Inc., stabbilita f'Pawtucket, Rhode Island (l-Istati Uniti), irrappreżentata minn J. Moss, barrister,

rikorrenti,

vs

L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), irrappreżentat minn P. Sipos u V. Ruzek, bħala aġenti,

konvenut,

il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali, hija

Kreativni Događaji d.o.o., stabbilita f'Żagreb (il-Kroazja), irrappreżentata minn R. Kunze, avukat,

li għandha bħala suġġett rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Lulju 2019 (Każ R 1849/2017-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Kreativni Događaji u Hasbro,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla Estiża),

komposta minn A. Marcoulli, Presidenta, S. Frimodt Nielsen, J. Schwarcz (Relatur), C. Iliopoulos u R. Norkus, Imħallfin,

Reġistratur: A. Juhász-Tóth, Amministratriċi,

wara li rat ir-rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-30 ta' Settembru 2019,

wara li rat ir-risposta tal-EUIPO ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-8 ta' Jannar 2020,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

wara li rat ir-risposta tal-intervenjenti ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-7 ta' Jannar 2020,

wara s-seduta tad-9 ta' Ottubru 2020,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Fit-30 ta' April 2010, ir-rikorrenti, Hasbro, Inc., ippreżentat applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea lill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2009, L 78, p. 1), kif emendat (issostitwit bir-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1)).

2 It-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni hija s-sinjal verbali MONOPOLY.

3 Il-prodotti u s-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni jaqgħu, wara limitazzjoni li saret matul il-proċedimenti quddiem l-EUIPO, fil-klassijiet 9, 16, 28 u 41 skont il-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat, u jikkorrispondu, għal kull waħda minn dawn il-klassijiet, għad-deskrizzjoni segwenti:

– klassi 9: "Apparat u strumenti xjentifiċi, nawtiċi, għal skopijiet ta' sondaġġi, fotografiċi, ċinematografiċi, ottiċi, li jiżnu, li jkejlu, li jissenjalaw, li jivverifikaw (superviżjoni), tas-salvataġġ u tat-tagħlim; apparat u strumenti li jittrażmettu, jikkonnettjaw, ibiddlu, jakkumulaw, jirregolaw u jikkontrollaw l-elettriku; apparat biex tirrekordja, għat-trasmissjoni u riproduzzjoni ta' ħsejjes u stampi; apparat ta' reġistrazzjoni magnetika, diski akustiċi; magni tal-bejgħ awtomatiċi u mekkaniżmi għal apparat imħaddem bil-muniti; cash registers, kalkulaturi, tagħmir għall-ipproċessar tad-data u kompjuters, tagħmir għat-tifi tan-nar; apparat elettriku rikreattiv; logħob elettroniku; logħob informatiku; tagħmir informatiku; softwer tal-informatika; kontrolli użati mal-prodotti kollha ċċitati iktar 'il fuq; kards, diski, strixxi, kejbils u ċirkwiti li kollha jinkludu jew huma ddisinjati sabiex jittrażmettu data jew softwer; logħob tal-arcade; softwer ta' divertiment interattiv, jiġifieri softwer tal-logħob informatiku, programmi ta' logħob informatiku, cartridges tal-logħob informatiku, diski ta' logħob informatiku; programmi ta' logħob tal-vidjo interattivi tar-realtà virtwali li jinkludi softwer u ħardwer; programmi ta' logħob multimedjali interattivi; softwer li jista' jitniżżel sabiex jintuża ma' kompjuters u logħob informatiku, apparat ta' logħob li jinġarr, apparat ta' logħob fuq console, apparat ta' logħob permezz ta' komunikazzjonijiet u ta' telefowns ċellulari; logħob elettroniku, inkluż il-logħob tal-vidjo; softwer tal-logħob vidjo, programmi ta' logħob vidjo, cartridges tal-logħob vidjo, diski tal-logħob vidjo, kollha kemm huma li jintużaw inkonnessjoni ma' kompjuters, apparat ta' logħob li jinġarr, apparat ta' logħob fuq console, apparat ta' komunikazzjoni u ta' telefowns ċellulari; terminali tal-lotterija vidjo; apparat tal-logħob informatiku u vidjo, jiġifieri magni tal-logħob vidjo li jintużaw b'televiżjoni; apparat tal-logħob iddisinjat għall-użu ma' riċevitur tat-televiżjoni; reġistrazzjonijiet tal-awdjo u/jew tal-vidjo; diski lejżer, diski vidjo, diski fonografiċi, diski kompatti, CD-ROMs li fihom logħob,

films, divertiment u mużika; consoles tal-logħob; apparat ta' komunikazzjoni u ta' telefowns ċellulari; films irreġistrati minn qabel; programmi u kontenut tat-televiżjoni, radjofoniċi u rekreattivi rreġistrati minn qabel; partijiet u komponenti għall-prodotti kollha msemmija iktar 'il fuq";

– klassi 16: "Karti, kartunċin u oġġetti magħmula minn dawn il-materjali mhux inklużi fi klassijiet oħra; materjal stampat; materjal għal-legatura tal-kotba; ritratti; kartoleriji; sustanza li twaħħal għall-użu ta' kartolerija u tad-dar; materjali tal-artisti; pniezel taż-żebgħa; typewriters u oġġetti neċessarji għall-uffiċċju (minbarra għamara); materjal istruttiv u għat-tagħlim (minbarra apparat); materjali tal-plastik għall-ippakkjar (mhux inklużi fi klassijiet oħra); tipa tal-printer; inċiżjonijiet ta' l-istampar; partijiet u komponenti tal-prodotti kollha ċċitati iktar 'il fuq";

– klassi 28: "Logħob u ġugarelli; oġġetti tal-ġinnastika u sport mhux inklużi fi klassijiet oħra; dekorazzjonijiet għas-siġar tal-Milied; magni tal-logħob; apparat imħaddem bil-muniti (logħob); karti tal-logħob; partijiet u komponenti tal-prodotti kollha ċċitati iktar 'il fuq";

– klassi 41: "Edukazzjoni; taħriġ; divertiment; divertiment fil-forma ta' films, programmi tat-televiżjoni u programmi radjofoniċi; attivitajiet sportivi u kulturali".

4 L-applikazzjoni għal trade mark ġiet ippubblikata fil-Bulettin tat-trade marks Komunitarji Nru 2010/146 tad-9 ta' Awwissu 2010.

5 It-trade mark ikkontestata ġiet irreġistrata fil-25 ta' Marzu 2011 bin-numru 9071961.

6 Barra minn hekk, ir-rikorrenti kienet ukoll proprjetarja ta' tliet trade marks verbali tal-Unjoni Ewropea MONOPOLY irreġistrati, l-ewwel waħda, fit-23 ta' Novembru 1998 bin-numru 238 352 (iktar 'il quddiem it-"trade mark preċedenti Nru 238 352"), it-tieni waħda, fil-21 ta' Jannar 2009 bin-numru 6 895 511 (iktar 'il quddiem it-"trade mark preċedenti Nru 6 895 511") u, it-tielet waħda, fit-2 ta' Awwissu 2010 bin-numru 8 950 776 (iktar 'il quddiem it-"trade mark preċedenti Nru 8 950 776").

7 It-trade mark preċedenti Nru 238 352 tkopri l-prodotti li jaqgħu fil-klassijiet 9, 25 u 28 li jikkorrispondu, għal kull waħda minn dawn il-klassijiet, għad-deskrizzjoni li ġejja:

– klassi 9: "Apparat elettriku rikreattiv; logħob elettroniku; logħob informatiku; tagħmir informatiku; softwer tal-informatika; kontrolli użati mal-prodotti kollha ċċitati iktar 'il fuq; kards, diski, strixxi, kejbils u ċirkwiti li kollha jinkludu jew huma ddisinjati sabiex jittrażmettu data jew softwer; logħob tal-vidjo; partijiet u komponenti tal-prodotti kollha ċċitati iktar 'il fuq";

– klassi 25: "Ħwejjeġ, xedd tas-saqajn u xedd ir-ras; partijiet u komponenti tal-prodotti kollha ċċitati iktar 'il fuq";

– klassi 28: "Logħob u ġugarelli; oġġetti tal-ġinnastika u sport mhux inklużi fi klassijiet oħra; dekorazzjonijiet għas-siġar tal-Milied; partijiet u komponenti tal-prodotti kollha ċċitati iktar 'il fuq".

8 It-trade mark preċedenti Nru 6 895 511 tkopri s-"servizzi ta' divertiment" inklużi fil-klassi 41.

9 It-trade mark preċedenti Nru 8 950 776 tkopri l-prodotti li jaqgħu fil-klassi 16 li jikkorrispondu għad-deskrizzjoni li ġejja: "Karti, kartunċin u oġġetti magħmula minn dawn il-materjali mhux inklużi fi klassijiet oħra; materjal stampat; materjal għal-legatura tal-kotba; ritratti; kartoleriji; sustanza li twaħħal għall-użu ta' kartolerija u tad-dar; materjali tal-artisti; pniezel taż-żebgħa; typewriters u oġġetti neċessarji għall-uffiċċju (minbarra għamara); materjal istruttiv u għat-tagħlim (minbarra apparat); materjali tal-plastik għall-ippakkjar (mhux inklużi fi klassijiet oħra); tipa tal-printer; inċiżjonijiet ta' l-istampar".

10 Fil-25 ta' Awwissu 2015, l-intervenjenti, Kreativni Događaji d.o.o., ressqet talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità, skont l-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 59(1)(b) tar-Regolament 2017/1001), kontra t-trade mark ikkontestata għall-prodotti u għas-servizzi kollha koperti minn din it-trade mark. Skont l-intervenjenti, ir-rikorrenti kienet *in mala fide* meta ppreżentat l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark ikkontestata minħabba li din l-applikazzjoni kienet tikkostitwixxi preżentata mtennija tat-trade marks preċedenti Nri 238 352, 6 895 511 u 8 950 776 (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, it-"trade marks preċedenti") u kienet intiża sabiex tevadi l-obbligu li tipprova l-użu ġenwin tagħhom.

11 Fit-22 ta' Ġunju 2017, id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni ċaħdet it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità. Hija qieset b'mod partikolari, minn naħa, li l-protezzjoni tal-istess trade mark fuq perijodu ta' erbatax-il sena ma kinitx, fiha nnifisha, indikazzjoni ta' intenzjoni li tevita l-obbligu li jiġi pprovat l-użu ġenwin tat-trade marks preċedenti u, min-naħa l-oħra, li l-allegazzjonijiet tal-intervenjenti ma kinux ikkorroborati minn provi li juru l-*mala fide* tar-rikorrenti waqt il-preżentata tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark ikkontestata.

12 Fit-22 ta' Awwissu 2017, l-intervenjenti ppreżentat appell quddiem l-EUIPO, skont l-Artikoli 58 sa 64 tar-Regolament Nru 207/2009 (li saru l-Artikoli 66 sa 71 tar-Regolament 2017/1001), mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni.

13 Fit-3 ta' Awwissu 2018, il-partijiet ġew informati li kienet ser tinbeda proċedura orali sabiex jinftiehmu aħjar iċ-ċirkustanzi partikolari li fuqhom kienet ibbażata l-istrateġija tar-rikorrenti waqt il-preżentata tat-trade mark ikkontestata.

14 Fit-12 ta' Novembru 2018, ir-rikorrenti ppreżentat ix-xhieda ta' persuna li taħdem fi ħdan il-kumpannija tagħha (iktar 'il quddiem ix-"xhieda"), flimkien ma' provi.

15 Is-seduta nżammet fid-19 ta' Novembru 2018 fil-bini tal-EUIPO.

16 Fil-21 ta' Jannar 2019, l-intervenjenti ppreżentat osservazzjonijiet dwar il-proċess verbal u l-kontenut tal-proċedura orali, li permezz tagħhom hija talbet li x-xhieda ma tiġix ikkunsidrata. Ir-rikorrenti wieġbet għal dawn l-osservazzjonijiet fit-22 ta' Frar 2019.

17 Permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Lulju 2019 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), it-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO parzjalment annulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni, iddikjara l-invalidità tat-trade mark ikkontestata għal parti mill-prodotti u mis-servizzi koperti, ċaħad il-kumplament tal-appell u kkundanna lill-partijiet għall-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mal-proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità u tal-appell. Essenzjalment, il-Bord tal-Appell qies li l-provi miġbura kienu ta' natura li juru li, għall-prodotti u għas-servizzi koperti mit-trade mark ikkontestata li kienu identiċi għall-prodotti u għas-servizzi koperti mit-trade marks preċedenti, ir-rikorrenti kienet *in mala fide* meta ppreżentat l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark ikkontestata.

It-talbiet tal-partijiet

18 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

– tikkundanna lill-intervenjenti għall-ispejjeż.

19 L-EUIPO jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

20 L-intervenjenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell sostnuti mill-intervenjenti.

Id-dritt

Fuq id-determinazzjoni tad-dritt sostantiv applikabbli

21 Fid-dawl tad-data li fiha ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark ikkontestata, jiġifieri t-30 ta' April 2010, li hija determinanti għall-finijiet tal-identifikazzjoni tad-dritt sostantiv applikabbli, il-fatti tal-każ huma rregolati mid-dispożizzjonijiet sostantivi tar-Regolament Nru 207/2009 (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-5 ta' Ottubru 2004, Alcon vs UASI, C-192/03 P, EU:C:2004:587, punti 39 u 40, u s-sentenza tat-23 ta' April 2020, Gugler France vs Gugler u EUIPO, C-736/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2020:308, punt 3 u l-ġurisprudenza ċċitata). Konsegwentement, f'dan il-każ, fir-rigward tar-regoli sostantivi, ir-riferimenti magħmula mill-Bord tal-Appell fid-deċiżjoni kkontestata u mill-partijiet fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom għall-Artikolu 59(1)(b) tar-Regolament 2017/1001 għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu għall-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, b'kontenut identiku.

Fuq is-suġġett tat-tilwima

22 Minkejja li r-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tannulla d-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha, hemm lok li jiġi rrilevat li, bi tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti Ġenerali waqt is-seduta, hija ammettiet li s-suġġett tat-tilwima kellu jkun limitat għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata sal-punt fejn din tiddikjara l-invalidità tat-trade mark ikkontestata sa fejn din tkopri l-prodotti u s-servizzi li jaqgħu fil-klassijiet 9, 16, 28 u 41 kif imsemmija fil-punt 1 tad-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata, li kienu identiċi għall-prodotti u għas-servizzi koperti mit-trade marks preċedenti.

Fuq l-ammissibbiltà tar-rikors

23 Fil-punti 17 sa 19 tar-risposta tagħha kif ukoll waqt is-seduta, l-intervenjenti sostniet, essenzjalment, li, konformement mal-Artikoli 172 u 177 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, ir-rikors kien manifestament inammissibbli, minħabba li r-rikors ma kienx isemmi lill-EUIPO bħala l-parti li kontra tagħha ġie ppreżentat ir-rikors u li r-regolarizzazzjoni tar-rikors permezz ta' ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-17 ta' Ottubru 2019 ma kinitx ta' natura li tirrimedja din l-irregolarità fi żmien xieraq.

24 F'dan ir-rigward, u kif barra minn hekk issemmi l-intervenjenti fil-punt 20 tar-risposta tagħha, għandu jitfakkar li l-qorti tal-Unjoni Ewropea tista' tevalwa, skont iċ-ċirkustanzi ta' kull każ, jekk amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja tiġġustifikax li rikors jiġi miċħud fuq il-mertu, mingħajr ma tiddeċiedi minn qabel dwar l-ammissibbiltà tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas26 ta' Frar 2002, Il-Kunsill vs Boehringer, C-23/00 P, EU:C:2002:118, punti 51 u 52).

25 Fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, il-Qorti Ġenerali tqis li, għall-finijiet tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, għandha l-ewwel tiġi eżaminata l-fondatezza tar-rikors, mingħajr ma tingħata deċiżjoni minn qabel dwar l-ammissibbiltà tiegħu, peress li r-rikors huwa, fi kwalunkwe każ u għar-raġunijiet esposti iktar 'il quddiem, infondat.

Fuq il-mertu

26 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka, essenzjalment, żewġ motivi, ibbażati, l-ewwel wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 u, it-tieni wieħed, fuq ksur tad-dritt għal smigħ xieraq.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

27 Permezz tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti tikkontesta l-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell li skontha hija kienet *in mala fide* meta ppreżentat l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark ikkontestata.

28 L-EUIPO u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

29 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 jipprevedi li l-invalidità ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea hija ddikjarata, fuq talba ppreżentata lill-EUIPO jew fuq kontrotalba f'azzjoni għal kontrafazzjoni, meta l-applikant kien *in mala fide* meta ppreżenta l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' din it-trade mark.

30 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat qabel kollox li, meta kunċett li jinsab fir-Regolament Nru 207/2009 ma huwiex iddefinit minnu, id-determinazzjoni tat-tifsira u tal-portata tiegħu għandha tiġi stabbilita konformement mas-sens abitwali tiegħu fil-lingwaġġ ta' kuljum, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest li fih jintuża dan il-kunċett u l-għanijiet li għandhom jintlaħqu minn dan ir-regolament (ara s-sentenza tat-12 ta' Settembru 2019, Koton Mağazacilik Tekstil Sanayi ve Ticaret vs EUIPO, C-104/18 P, EU:C:2019:724, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Dan jgħodd ukoll għall-kunċett ta' "*mala fide*" li jinsab fl-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, fl-assenza ta' kwalunkwe definizzjoni ta' dan il-kunċett mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

32 Filwaqt li, konformement mas-sens abitwali tiegħu fil-lingwaġġ ta' kuljum, il-kunċett ta' "*mala fide*" jippreżumi l-preżenza ta' stat tal-moħħ jew ta' intenzjoni diżonesta, dan il-kunċett għandu barra minn hekk jinftiehem fil-kuntest tad-dritt tat-trade marks, li huwa dak tan-negozju. F'dan ir-rigward, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 tal-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146), Nru 207/2009 u 2017/1001, adottati suċċessivament, jagħmlu parti mill-istess għan, jiġifieri l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern. Ir-regoli dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea huma intiżi, b'mod partikolari, sabiex jikkontribwixxu għas-sistema ta' kompetizzjoni mhux distorta fl-Unjoni, li fiha kull impriża għandha, sabiex tintrabat mal-klijentela permezz tal-kwalità tal-prodotti jew tas-servizzi tagħha, tkun f'pożizzjoni li tirreġistra bħala trade marks sinjali li jippermettu lill-konsumatur li jagħmel distinzjoni mingħajr konfużjoni possibbli bejn dawn il-prodotti jew dawn is-servizzi u dawk li għandhom provenjenza oħra (ara s-sentenza tat-12 ta' Settembru 2019, Koton Mağazacilik Tekstil Sanayi ve Ticaret vs EUIPO, C-104/18 P, EU:C:2019:724, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Konsegwentement, ir-raġuni assoluta ta' invalidità prevista fl-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 tapplika meta minn indizji rilevanti u konkordanti jirriżulta li l-proprjetarju ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea ppreżenta l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' din it-trade mark mhux bl-għan li jipparteċipa b'mod leali għall-kompetizzjoni iżda bl-intenzjoni li jippreġudika, b'mod li ma jkunx konformi mal-użanzi onesti, l-interessi ta' terzi, jew bl-intenzjoni li jikseb, mingħajr ma jimmira lejn terzi b'mod partikolari, dritt esklużiv għal skopijiet differenti minn dawk li jaqgħu taħt funzjonijiet ta' trade mark, b'mod partikolari l-funzjoni essenzjali ta' indikazzjoni ta' oriġini (sentenza tat-12 ta' Settembru 2019, Koton Mağazacilik Tekstil Sanayi ve Ticaret vs EUIPO, C-104/18 P, EU:C:2019:724, punt 46).

34 Barra minn hekk, għandu jingħad li, fis-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli (C-529/07, EU:C:2009:361), il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet diversi preċiżazzjonijiet dwar il-mod kif għandu jiġi interpretat il-kunċett ta' *mala fide*, kif previst fl-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

35 Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-eżistenza tal-*mala fide* tal-applikant, fis-sens tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha marbuta mal-każ inkwistjoni u li jkunu jeżistu fil-mument tal-preżentata tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' sinjal bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-ewwel, il-fatt li l-applikant jaf jew għandu jkun jaf li terz juża, tal-inqas fi Stat Membru wieħed, sinjal identiku jew simili għal prodott jew servizz identiku jew simili li jista' jwassal għal konfużjoni mas-sinjal li tkun qiegħda tintalab ir-reġistrazzjoni tiegħu, it-tieni, l-intenzjoni tal-applikant li jwaqqaf lil dan it-terz milli jkompli juża tali sinjal kif ukoll, it-tielet, il-livell ta' protezzjoni legali li jgawdu minnha s-sinjal tat-terz u s-sinjal li tkun qiegħda tintalab ir-reġistrazzjoni tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli, C-529/07, EU:C:2009:361, punt 53).

36 Madankollu, mill-formulazzjoni użata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli (C-529/07, EU:C:2009:361, punt 53), jirriżulta li l-fatturi elenkati fiha huma biss eżempji fost ġabra ta' elementi li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tingħata deċiżjoni dwar il-possibbiltà ta' *mala fide* ta' applikant għal reġistrazzjoni fil-mument tal-preżentata tal-applikazzjoni għal trade mark (ara s-sentenza tas-26 ta' Frar 2015, Pangyrus vs UASI – RSVP Design (COLOURBLIND), T-257/11, mhux ippubblikata, EU:T:2015:115, punt 67 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fil-fatt, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja llimitat ruħha li tirrispondi għad-domandi tal-qorti nazzjonali li kienu jirrigwardaw,

essenzjalment, il-kwistjoni dwar jekk tali fatturi kinux rilevanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli, C-529/07, EU:C:2009:361, punti 22 u 38). Għalhekk, l-assenza ta' xi wieħed minn dawn il-fatturi ma tipprekludix, neċessarjament, skont iċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ, li tkun ikkonstatata l-*mala fide* tal-applikant (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Lulju 2016, Copernicus-Trademarks vs EUIPO – Maquet (LUCEO), T-82/14, EU:T:2016:396, punt 147).

37 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, fil-punt 60 tal-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli (C-529/07, EU:C:2009:148), l-Avukata Ġenerali Sharpston irrilevat li l-kunċett ta' *mala fide*, fis-sens tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, ma jistax jiġi limitat għal kategorija limitata ta' ċirkustanzi speċifiċi. Fil-fatt, l-għan ta' interess ġenerali ta' din id-dispożizzjoni, li huwa li jiġu evitati r-reġistrazzjonijiet abbużivi ta' trade mark jew li jmorru kontra użanzi onesti fl-industrija u fil-kummerċ, ikun kompromess jekk il-*mala fide* tkun tista' tiġi pprovata biss permezz taċ-ċirkustanzi elenkati b'mod eżawrjenti fis-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli (C-529/07, EU:C:2009:361) (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2010, Internetportal und Marketing, C-569/08, EU:C:2010:311, punt 37).

38 Għalhekk, hija ġurisprudenza stabbilita li, fil-kuntest tal-analiżi globali mwettqa skont l-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, jistgħu wkoll jittieħdu inkunsiderazzjoni l-oriġini tas-sinjal ikkontestat u l-użu tiegħu sa mill-ħolqien tiegħu, il-loġika kummerċjali li ntużat għall-preżentata tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-kronoloġija tal-avvenimenti li wasslu għall-imsemmija preżentata (ara s-sentenza tas-26 ta' Frar 2015, COLOURBLIND, T-257/11, mhux ippubblikata, EU:T:2015:115, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Għandha tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll l-intenzjoni tal-applikant fil-mument tal-preżentata tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni (sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli, C-529/07, EU:C:2009:361, punt 41).

40 F'dan ir-rigward, ġie ppreċiżat li l-intenzjoni tal-applikant fil-mument rilevanti hija element suġġettiv li għandu jiġi ddeterminat b'riferiment għaċ-ċirkustanzi oġġettivi tal-każ inkwistjoni (sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli, C-529/07, EU:C:2009:361, punt 42).

41 Għalhekk, il-kunċett ta' *mala fide* jirreferi għal motivazzjoni suġġettiva tal-persuna li tippreżenta applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark, jiġifieri intenzjoni diżonesta jew raġuni dannuża oħra. Dan jimplika aġir li jitbiegħed mill-prinċipji rrikonoxxuti bħala dawk relatati ma' aġir etiku jew użanzi onesti fil-qasam industrijali jew kummerċjali (sentenza tas-7 ta' Lulju 2016, LUCEO, T-82/14, EU:T:2016:396, punt 28).

42 Huwa l-applikant għal dikjarazzjoni ta' invalidità li jixtieq jibbaża ruħu fuq l-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 li għandu jistabbilixxi ċ-ċirkustanzi li jwasslu għall-konklużjoni li applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea ġiet ippreżentata b'*mala fide*, peress li l-*bona fide* tal-applikant hija preżunta sakemm ma jiġix ipprovat mod ieħor (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Marzu 2017, Biernacka-Hoba vs EUIPO – Formata Bogusław Hoba (Formata), T-23/16, mhux ippubblikata, EU:T:2017:149, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Meta l-EUIPO jikkonstata li ċ-ċirkustanzi oġġettivi tal-każ inkwistjoni invokati mill-applikant għal dikjarazzjoni ta' invalidità jistgħu jwasslu għall-inverżjoni tal-preżunzjoni ta' *bona fide* li jibbenefika minnha l-proprjetarju tat-trade mark inkwistjoni meta ppreżenta l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tagħha, huwa dan tal-aħħar li għandu jagħti spjegazzjonijiet plawżibbli rigward l-għanijiet u l-loġika kummerċjali li għandhom jintlaħqu mill-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tal-imsemmija trade mark.

44 Fil-fatt, il-proprjetarju tat-trade mark inkwistjoni jinsab fl-aħjar pożizzjoni sabiex jinforma lill-EUIPO dwar l-intenzjonijiet li mmotivawh waqt l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' din it-trade mark u sabiex jipprovdilu provi li jistgħu jikkonvinċuh li, minkejja l-eżistenza ta' ċirkustanzi oġġettivi, dawn l-intenzjonijiet kienu leġittimi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Mejju 2017, PayPal vs EUIPO – Hub Culture (VENMO), T-132/16, mhux ippubblikata, EU:T:2017:316, punti 51 sa 59, u, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2016, Birkenstock Sales vs EUIPO (Rappreżentazzjoni ta' disinn ta' linji mmewġa li jinkroċjaw ma' xulxin), T-579/14, EU:T:2016:650, punt 136).

45 Huwa fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti li għandhom jiġu eżaminati d-diversi lmenti tar-rikorrenti mqajma fil-kuntest tal-ewwel motiv, li huwa kompost, essenzjalment, minn sitt partijiet.

– *Fuq l-ewwel parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq l-applikazzjoni żbaljata tar-regoli dwar l-evalwazzjoni tal-*mala fide

46 Fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel motiv, l-ewwel, ir-rikorrenti tikkritika lill-Bord tal-Appell li ma wettaqx evalwazzjoni globali tal-elementi rilevanti kollha tal-każ. Hija kkonċentrat indebitament fuq aspett wieħed, jiġifieri l-vantaġġ amministrattiv li jikkonsisti f'li ma jkollhiex għalfejn tipprova l-użu ġenwin tat-trade mark li l-preżentata tagħha ġiet imtennija, u injorat id-diversi raġunijiet validi l-oħra li hija invokat sabiex tiġġustifika l-istrateġija tagħha għall-preżentata ta' trade mark.

47 It-tieni, ir-rikorrenti tilmenta li l-Bord tal-Appell qies, fil-punt 66 tad-deċiżjoni kkontestata, li kull preżentata mtennija ta' trade mark kienet awtomatikament ekwivalenti għal preżentata mwettqa *in mala fide*. Issa, dan imur kontra l-prinċipji stabbiliti fis-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2012, pelicantravel.com vs UASI – Pelikan (Pelikan) (T-136/11, mhux ippubblikata, EU:T:2012:689), u fil-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Sharpston fil-kawża Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli (C-529/07, EU:C:2009:148). It-tielet, hija tqis li kienet żbaljata l-indikazzjoni tal-Bord tal-Appell li tinsab fil-punt 79 tad-deċiżjoni kkontestata li skontha hija "[kienet] ammettiet ukoll li l-vantaġġ tal-istrateġija [tagħha] kien li hija ma jkollhiex għalfejn tipprova l-użu ġenwin tat-trade mark [ikkontestata] fil-kuntest ta' proċedimenti ta' oppożizzjoni". Fil-fehma tagħha, il-provi juru li wieħed mill-vantaġġi assoċjati mal-prattika tagħha fil-qasam tal-preżentata ta' trade mark seta' jkun l-effikaċja amministrattiva, iżda li din la kienet ir-raġuni prinċipali, u lanqas raġuni sostanzjali.

48 L-EUIPO u l-intervenjenti jikkontestaw il-fondatezza ta' din il-parti.

49 Sabiex tiġi eżaminata l-fondatezza tal-argument ippreżentat fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel motiv, fl-ewwel lok, għandu jitfakkar liema huma l-prinċipji li jirregolaw id-dritt tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea u r-regola dwar il-prova tal-użu ta' dawn it-trade marks. F'dan ir-rigward, l-ewwel, għandu jiġi rrilevat, bħalma għamel il-Bord tal-Appell fil-punt 29 tad-deċiżjoni kkontestata, li, essenzjalment, mill-premessa 2 tar-Regolament Nru 207/2009 (li saret

il-premessa 3 tar-Regolament 2017/1001) jirriżulta li r-Regolament Nru 207/2009 huwa intiż sabiex jiżgura kompetizzjoni mhux distorta. Barra minn hekk, ġie deċiż li d-dritt tat-trade marks jikkostitwixxi element essenzjali tas-sistema ta' kompetizzjoni mhux distorta li t-Trattat huwa intiż li jistabbilixxi u jżomm u li d-drittijiet u l-possibbiltajiet li t-trade mark tal-Unjoni Ewropea tagħti lill-proprjetarju tagħha għandhom jiġu eżaminati skont dan l-għan (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Mejju 2003, Libertel, C-104/01, EU:C:2003:244, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 It-tieni, kif enfasizza essenzjalment il-Bord tal-Appell fil-punti 31 u 32 tad-deċiżjoni kkontestata, għalkemm mill-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 9(1) tar-Regolament 2017/1001) jirriżulta li r-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea tagħti lill-proprjetarju tagħha dritt esklużiv, mill-premessa 10 tar-Regolament Nru 207/2009 (li saret il-premessa 24 tar-Regolament 2017/1001) jirriżulta li ma huwiex iġġustifikat li jiġu protetti t-trade marks tal-Unjoni Ewropea u, kontrihom, kwalunkwe trade mark irreġistrata li hija preċedenti għalihom biss sa fejn dawn it-trade marks huma effettivament użati. Fil-fatt, trade mark tal-Unjoni Ewropea li ma tkunx użata tkun tista' tfixkel il-kompetizzjoni billi tillimita il-firxa ta' sinjali li jistgħu jiġu rreġistrati minn oħrajn bħala trade mark u tiċħad lill-kompetituri mill-possibbiltà li jużaw din it-trade mark jew trade mark simili meta jitqiegħdu fis-suq intern prodotti jew servizzi identiċi jew simili għal dawk protetti mit-trade mark inkwistjoni. Konsegwentement, in-nuqqas ta' użu ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea jista' wkoll jirrestrinġi l-moviment liberu tal-merkanzija u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2012, Leno Merken, C-149/11, EU:C:2012:816, punt 32).

51 It-tielet, fir-rigward tal-użu ġenwin ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 18(1) tar-Regolament 2017/1001), "[j]ekk, fi żmien ħames snin wara r-reġistrazzjoni, il-proprjetarju ma jkunx għamel użu ġenwin mit-trademark tal-[Unjoni Ewropea] fl-Unjoni f'konnessjoni mal-prodotti jew mas-servizzi li għalihom tkun reġistrata, jew jekk dan l-użu jkun ġie sospiż għal perjodu kontinwu ta' ħames snin, it-trademark tal-[Unjoni Ewropea] għandha tkun soġġetta għas-sanzjonijiet li jipprovdi dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet xierqa għal dan in-nuqqas ta' użu".

52 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament 2017/1001), "[i]d-drittijiet tal-proprjetarju ta' trademark tal-[Unjoni Ewropea] għandhom jiġu ddikjarati bħala revokati malli ssir applikazzjoni lill-[EUIPO] jew fuq il-bażi ta' kontrotalba fi proċedimenti ta' ksur[,] jekk, għal perjodu kontinwu ta' ħames snin, ma jkunx sar użu ġenwin mit-trade mark fl-Unjoni f'konnessjoni mal-prodotti jew servizzi li għalihom hija tkun reġistrata, u ma jkunx hemm raġunijiet siewja għal dan in-nuqqas ta' użu".

53 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 51(2) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 58(2) tar-Regolament 2017/1001) jipprevedi li, "[m]eta r-raġunijiet ta' revoka ta' drittijiet jeżistu biss fir-rigward ta' xi wħud biss mill-prodotti jew servizzi li għalihom it-trademark tal-[Unjoni Ewropea] hija reġistrata, id-drittijiet tal-proprjetarju għandhom jiġu dikjarati bħala revokati fir-rigward ta' dawk il-prodotti jew servizzi biss".

54 Ir-*ratio legis* tar-rekwiżit li għandu jkun sar użu ġenwin ta' trade mark sabiex tkun protetta skont id-dritt tal-Unjoni jinsab fil-fatt li r-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea fir-reġistru tal-EUIPO ma jistax jitqies li huwa maħżen strateġiku u statiku li jagħti lil detentur inattiv monopolju legali għal żmien indeterminat. Għall-kuntrarju, l-imsemmi reġistru għandu jirrifletti

fedelment l-indikazzjonijiet li l-impriżi jużaw effettivament fis-suq sabiex jiddistingwu l-prodotti u s-servizzi tagħhom fil-ħajja ekonomika (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2015, Deutsche Rockwool Mineralwoll vs UASI – Recticel (λ), T-215/13, mhux ippubblikata, EU:T:2015:518, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55 Kif enfasizza l-Bord tal-Appell fil-punt 35 tad-deċiżjoni kkontestata, mill-prinċipji li jirregolaw id-dritt tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea u mir-regola dwar il-prova tal-użu esposti fil-punti 49 sa 53 iktar 'il fuq jirriżulta li, jekk dritt esklużiv huwa mogħti lill-proprjetarju ta' trade mark, dan id-dritt esklużiv jista' jiġi protett biss jekk, fl-iskadenza tat-terminu ta' konċessjoni ta' ħames snin, l-imsemmi proprjetarju jkun f'pożizzjoni li juri l-użu ġenwin tat-trade mark tiegħu. Tali sistema tibbilanċja l-interessi leġittimi tal-proprjetarju tat-trade mark, minn naħa, u dawk tal-kompetituri tiegħu, min-naħa l-oħra.

56 Fit-tieni lok, għandu jitfakkar li mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 36 iktar 'il fuq jirriżulta li l-assenza ta' fattur li l-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali kienu kkunsidraw bħala rilevanti sabiex tiġi stabbilita l-*mala fide* ta' applikant għal trade mark fil-kuntest partikolari ta' tilwima jew ta' domanda preliminari mressqa quddiemhom ma tipprekludix neċessarjament li l-*mala fide* ta' applikant ieħor għal trade mark tiġi kkonstatata f'ċirkustanzi differenti. Fil-fatt, kif tfakkar fil-punt 37 iktar 'il fuq, il-kunċett ta' *mala fide*, fis-sens tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament 207/2009, ma jistax jiġi llimitat għal kategorija limitata ta' ċirkustanzi speċifiċi.

57 Fit-tielet lok, għalkemm il-preżentati mtennija għal trade mark ma humiex ipprojbiti, xorta jibqa' l-fatt li tali preżentata mwettqa sabiex jiġu evitati l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' użu ta' trade marks preċedenti tista' tikkostitwixxi element rilevanti, li jista' jistabbilixxi l-*mala fide* tal-awtur ta' din il-preżentata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2012, Pelikan, T-136/11, mhux ippubblikata, EU:T:2012:689, punt 27).

58 Fl-aħħar nett, fir-raba' lok, għandu jitfakkar liema huma l-elementi li wasslu lill-Bord tal-Appell sabiex jikkunsidra li l-preżentata mtennija tat-trade marks preċedenti kienet turi l-*mala fide* tar-rikorrenti.

59 L-ewwel, fil-punt 71 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell irrileva li r-rikorrenti kienet ibbażat ruħha fuq it-trade mark ikkontestata kif ukoll fuq it-trade marks preċedenti fil-kuntest ta' żewġ proċedimenti ta' oppożizzjoni. Huwa kkonstata, f'dan ir-rigward, li d-deċiżjonijiet li permezz tagħhom ir-rikorrenti kienet rebħet f'dawn il-proċedimenti kienu bbażati fuq it-trade mark ikkontestata, peress li, għal din it-trade mark, ma kienx neċessarju li tiġi pprovduta l-prova tal-użu ġenwin.

60 It-tieni, fil-punt 72 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell indika li, fir-rigward tar-raġunijiet li kienu jistgħu jiġġustifikaw l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni ġdida tal-istess trade mark, ir-rikorrenti kienet invokat it-tnaqqis tal-oneru amministrattiv quddiem l-istanzi tal-EUIPO. Il-Bord tal-Appell żied, essenzjalment, li, skont ix-xhieda ta' persuna li taħdem fi ħdan il-kumpannija tagħha waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2018, ir-rikorrenti wettqet preżentati ġodda għal ċertu numru ta' raġunijiet li setgħu jiffaċilitaw l-amministrazzjoni tagħha fil-livell amministrattiv, iżda li dawn il-preżentati ma kinux jikkostitwixxu applikazzjonijiet identiċi mtennija, peress li l-imsemmija preżentati kellhom ambitu ikbar u kienu ġġustifikati minn raġunijiet kummerċjali validi. Barra minn hekk, il-Bord tal-Appell ikkunsidra, fil-punt 73 tad-deċiżjoni kkontestata, li, peress li t-trade marks preċedenti ma kinux is-suġġett ta' rinunzja,

kien diffiċli li jiġi kkonstatat l-interess ta' tali preżentati marbut mat-tnaqqis tal-oneru amministrattiv minħabba x-xogħol żejjed u l-investiment ikbar involuti fl-akkumulazzjoni ta' trade marks identiċi.

61 It-tielet, fil-punt 75 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell indika, essenzjalment, li mix-xhieda ta' waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2018 jirriżulta, qabel kollox, li l-fatt li tkun tista' tiġi invokata r-reġistrazzjoni ta' trade mark mingħajr ma jkollu jiġi pprovat l-użu tagħha kien jikkostitwixxi vantaġġ għar-rikorrenti u li dan kien aspett magħruf mill-proprjetarji kollha ta' trade mark, sussegwentement, li din ma kinitx l-unika motivazzjoni tal-preżentati ta' trade marks suċċessivi mwettqa mir-rikorrenti u, fl-aħħar nett, li, jekk impriża kellha diversi trade marks ta' etajiet differenti, kien xieraq għal din l-impriża li topponi trade mark irreġistrata sussegwentement abbażi ta' trade mark riċenti li ma kinitx suġġetta għall-prova tal-użu sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż marbuta mal-produzzjoni ta' provi u mal-attendenza għas-seduti, b'tali mod li kien iktar effikaċi mill-perspettiva amministrattiva li ma kellhiex tipprovdi din il-prova.

62 Ir-raba', il-Bord tal-Appell irrileva, fil-punt 77 tad-deċiżjoni kkontestata, li, skont ix-xhieda, il-fatt li kumpanniji jippreżentaw applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni għal trade marks li diġà huma s-suġġett ta' reġistrazzjonijiet eżistenti fl-Unjoni u li f'dawn l-applikazzjonijiet ġodda jiġu inklużi prodotti jew servizzi koperti mit-trade marks preċedenti kien prattika industrijali aċċettata fiż-żmien rilevanti.

63 Il-ħames, fid-dawl tal-elementi msemmija fil-punti 71 sa 78 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell qies, fil-punt 79 ta' din id-deċiżjoni, li r-rikorrenti kienet deliberatament tenniet applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark MONOPOLY, sabiex din tkopri wkoll prodotti u servizzi diġà koperti mit-trade marks preċedenti. Barra minn hekk, huwa kkonstata li r-rikorrenti kienet ammettiet li l-vantaġġ ta' din l-istrateġija kien li hija ma kellhiex għalfejn tipprova l-użu ġenwin tat-trade mark ikkontestata fil-kuntest ta' proċedimenti ta' oppożizzjoni, li kien wieħed mill-fatturi meħuda inkunsiderazzjoni mir-rikorrenti waqt ir-reġistrazzjoni ta' trade mark, u żied li hija ma kienet tara l-ebda loġika kummerċjali oħra li fuqha kienet ibbażata tali strateġija ta' preżentata.

64 Is-sitt, il-Bord tal-Appell qies, fil-punt 80 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-fatt li r-rikorrenti kienet sostniet li din kienet prattika industrijali normali kien ifisser b'mod ċar li l-użu ta' din l-istrateġija kien intenzjonali.

65 Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi kollha, minn naħa, il-Bord tal-Appell ikkonkluda, fil-punt 81 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-intenzjoni tar-rikorrenti kienet tassew li tibbenefika mir-regoli tad-dritt tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea billi toħloq artifiċjalment sitwazzjoni li fiha hija ma għandhiex għalfejn tipprova l-użu ġenwin tat-trade marks preċedenti għall-prodotti u għas-servizzi koperti mit-trade mark ikkontestata. Min-naħa l-oħra, hija qieset, fil-punt 82 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-aġir tar-rikorrenti kellu jitqies li jirriżulta minn intenzjoni ta' distorsjoni u ta' żbilanċjar tas-sistema li tirriżulta minn dan id-dritt kif ġie stabbilit mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

66 Huwa fid-dawl tal-elementi mfakkra fil-punti 49 sa 65 iktar 'il fuq li għandhom jiġu eżaminati l-argumenti tar-rikorrenti.

67 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-argument li l-Bord tal-Appell qies b'mod żbaljat, fil-punt 66 tad-deċiżjoni kkontestata, li kull preżentata mtennija ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea kienet ekwivalenti awtomatikament għal preżentata mwettqa *in mala fide*, dan għandu jiġi miċħud

peress li jirriżulta minn qari żbaljat tad-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, għandu jiġi kkonstatat li, fil-punti 66 sa 70 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell sempliċement fakkar il-ġurisprudenza applikabbli sabiex jevalwa l-possibbiltà ta' *mala fide* tal-proprjetarju ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea. Kien biss fil-punti 71 *et seq*. tad-deċiżjoni kkontestata li l-Bord tal-Appell eżamina ċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni fid-dawl tal-ġurisprudenza u kkonkluda li r-rikorrenti kienet *in mala fide* meta ppreżentat l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark ikkontestata.

68 Barra minn hekk, anki jekk l-argument tar-rikorrenti għandu jinftiehem fis-sens li huwa jilmenta li l-Bord tal-Appell ikkunsidra b'mod ġenerali fid-deċiżjoni kkontestata li kull preżentata mtennija kienet neċessarjament saret *in mala fide*, dan għandu wkoll jiġi miċħud.

69 Fil-fatt, ir-raġunament segwit mill-Bord tal-Appell, kif miġbur fil-qosor fil-punti 59 sa 64 iktar 'il fuq, juri mingħajr ambigwità li ma huwiex il-fatt li tiġi mtennija l-preżentata ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea li tqies li juri l-*mala fide* tar-rikorrenti, iżda l-fatt li l-elementi tal-proċess juru li din tal-aħħar kienet deliberatament ippruvat tevadi regola fundamentali tad-dritt tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri dik dwar il-prova tal-użu, sabiex tibbenifika minn dan b'detriment għall-bilanċ tas-sistema tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea stabbilita mil-leġislatur tal-Unjoni.

70 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-ebda dispożizzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar it-trade marks tal-Unjoni Ewropea ma tipprojbixxi l-preżentata mtennija ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark u li, għaldaqstant, tali preżentata ma tistax, fiha nnifisha, tistabbilixxi l-*mala fide* tal-applikant, mingħajr ma tkun akkumpanjata minn provi rilevanti oħra invokati mill-applikant għal dikjarazzjoni ta' invalidità jew mill-EUIPO. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, mill-kunsiderazzjonijiet tal-Bord tal-Appell jirriżulta li r-rikorrenti ammettiet, u anki sostniet, li wieħed mill-vantaġġi li jiġġustifikaw il-preżentata tat-trade mark ikkontestata kien ibbażat fuq il-fatt li ma jkollhiex tipproduċi l-prova tal-użu ġenwin ta' din it-trade mark. Issa, tali aġir ma jistax jitqies li huwa aġir leġittimu, iżda għandu jitqies li jmur kontra l-għanijiet tar-Regolament Nru 207/2009, il-prinċipji li jirregolaw id-dritt tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea u r-regola dwar il-prova tal-użu, kif imfakkra fil-punti 49 sa 55 iktar 'il fuq.

71 Fil-fatt, fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, il-preżentata mtennija mwettqa mir-rikorrenti kienet intiża b'mod partikolari, skont l-ammissjoni tagħha stess, sabiex ma jkollhiex għalfejn tipprova l-użu tat-trade mark ikkontestata, u konsegwentement ittawwal, għat-trade marks preċedenti, it-terminu ta' konċessjoni ta' ħames snin previst fl-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009.

72 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li mhux biss l-istrateġija ta' preżentata użata mir-rikorrenti, intiża sabiex tevadi r-regola dwar il-prova tal-użu, ma hijiex konformi mal-għanijiet imfittxija mir-Regolament Nru 207/2009, iżda din ixxaqleb lejn il-kunċett ta' abbuż ta' dritt, li huwa kkaratterizzat mill-fatt li, l-ewwel, minkejja osservanza formali tal-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, l-għan li jrid jintlaħaq minnha ma ntlaħaqx u li, it-tieni, teżisti rieda li jinkiseb vantaġġ li jirriżulta mill-imsemmija leġiżlazzjoni billi jinħolqu b'mod artifiċjali l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jinkiseb (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Lulju 2005, Eichsfelder Schlachtbetrieb, C-515/03, EU:C:2005:491, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

73 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li l-Bord tal-Appell ikkonċentra indebitament fuq aspett wieħed, jiġifieri l-vantaġġ amministrattiv li jikkonsisti f'li ma jkollhiex għalfejn tipprova l-użu ġenwin tat-trade mark li l-preżentata tagħha ġiet imtennija, u injora d-diversi raġunijiet

validi l-oħra invokati mir-rikorrenti sabiex tiġġustifika l-istrateġija tagħha għall-preżentata ta' trade mark (ara l-punt 46 iktar 'il fuq), għandu jiġi kkunsidrat li, fid-dawl tal-elementi mfakkra fil-punti 59 sa 64 iktar 'il fuq, ma jistax jiġi validament sostnut li l-Bord tal-Appell ikkonċentra biss fuq l-imsemmi aspett.

74 Fil-fatt, kif jenfasizza l-EUIPO, minkejja l-provi li juru li l-intenzjoni tar-rikorrenti kienet b'mod partikolari li tevita li jkollha tipproduċi l-prova tal-użu tat-trade mark ikkontestata, il-Bord tal-Appell ħa ċirkustanzi oħra inkunsiderazzjoni. Għalhekk, huwa kkonstata, fil-punti 71 u 80 tad-deċiżjoni kkontestata, li r-rikorrenti kienet effettivament ibbenefikat mill-istrateġija tagħha ta' preżentata mtennija ta' applikazzjonijiet fil-kuntest ta' żewġ proċedimenti ta' oppożizzjoni billi evitat li tipprova l-użu tat-trade mark ikkontestata.

75 Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li tallega r-rikorrenti b'mod mhux issostanzjat fir-rikors, il-Bord tal-Appell ma injorax id-diversi raġunijiet l-oħra li hija invokat sabiex tiġġustifika l-istrateġija tagħha ta' preżentata ta' trade mark. Kif jirriżulta mill-punti 61 sa 64 tad-deċiżjoni kkontestata, huwa eżamina u kkunsidra bħala validi l-ispjegazzjonijiet tar-rikorrenti li, essenzjalment, din tal-aħħar kellha l-għan li tipproteġi t-trade mark MONOPOLY għal prodotti u servizzi oħra sabiex issegwi l-iżvilupp tat-teknoloġija u l-espansjoni tan-negozju tagħha. Din hija r-raġuni għalfejn il-Bord tal-Appell ma ddikjarax l-invalidità tat-trade mark ikkontestata għall-prodotti u għas-servizzi mhux koperti mit-trade marks preċedenti. Madankollu, kif isostni ġustament l-EUIPO, il-Bord tal-Appell ma ddeċidiex li dawn l-ispjegazzjonijiet kienu ta' natura li jiġġustifikaw il-preżentata tat-trade mark ikkontestata għal prodotti u għal servizzi identiċi għal dawk koperti mit-trade marks preċedenti. Huwa qies b'mod partikolari f'dan ir-rigward, fil-punti 72 sa 74 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-allegat tnaqqis tal-oneru amministrattiv li jirriżulta mill-preżentata tat-trade mark ikkontestata kien diffiċli li jiġi kkonċiljat mal-ispejjeż addizzjonali u mal-piż amministrattiv marbuta maż-żamma tat-trade marks preċedenti.

76 Minn dan isegwi li għandu jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti li l-Bord tal-Appell ma wettaqx evalwazzjoni globali tal-elementi rilevanti kollha tal-każ sa fejn ikkonċentra indebitament fuq aspett wieħed.

77 Fl-aħħar nett, fit-tielet lok, għandu jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti li, essenzjalment, il-Bord tal-Appell indika b'mod żbaljat fil-punt 79 tad-deċiżjoni kkontestata li r-rikorrenti kienet ammettiet li l-uniku vantaġġ tal-prattika tagħha ta' preżentata kien li ma jkollhiex għalfejn tipprova l-użu ġenwin tat-trade mark fil-kuntest ta' proċedimenti ta' oppożizzjoni (ara l-punt 47 iktar 'il fuq). F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li mill-punti 75, 76 u 79 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta b'mod ċar li l-Bord tal-Appell enfasizza li dan kien biss wieħed mill-vantaġġi, jew wieħed mill-motivazzjonijiet, tal-istrateġija ta' preżentata tar-rikorrenti. Barra minn hekk, il-Bord tal-Appell indika espressament, fil-punt 76 tad-deċiżjoni kkontestata, li "il-fatt li preżentata ma hijiex motivata biss mill-vantaġġ li ma jkunx hemm bżonn prova tal-użu ġenwin tat-trade mark, iżda wkoll raġunijiet oħra, ma [kienx], fih innifsu, jagħmel tali strateġija aċċettabbli".

78 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-ewwel parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda.

– Fuq it-tieni parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq l-assenza ta' kwalunkwe dannu minħabba l-attività tar-rikorrenti

79 Fil-kuntest tat-tieni parti tal-ewwel motiv, l-ewwel, ir-rikorrenti ssostni li hija ma kisbet l-ebda vantaġġ mill-aġir tagħha li huwa intiż sabiex jikseb jew iżomm trade mark li fuqha hija ma għandha l-ebda dritt. It-tieni, hija tenfasizza li l-board game "Monopoly" hija tant magħrufa li hija fantasija li jiġi allegat li hija ma użatx it-trade mark MONOPOLY għall-board games. Issa, hija ssostni li l-obbligu għaliha li tipprova l-użu ta' din it-trade mark għall-board games fil-kuntest ta' proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità jwassal għall-esponiment għal spejjeż sinjifikattivi. It-tielet, hija tallega li, jekk id-deċiżjoni kkontestata tiġi kkonfermata, dan ser iwassal sabiex id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-EUIPO ma tkunx tista' tlaħħaq b'każijiet li fihom tiġi invokata l-*mala fide* għal kull preżentata ta' trade mark li tindika prodotti jew servizzi identiċi jew simili. Fl-aħħar nett, ir-raba', ir-rikorrenti ssostni, fir-rigward tal-eżami tad-dannu, li d-deċiżjoni kkontestata ma tinkludix konstatazzjoni dwar l-eżistenza ta' dannu reali, iżda biss il-konklużjoni impliċita li dannu jista' teoretikament jirriżulta minn estensjoni potenzjali tat-terminu ta' konċessjoni ta' ħames snin. Madankollu, fil-fehma tagħha, tali dannu teoretiku fl-ebda każ ma għandu jwassal għall-konklużjoni li hija aġixxiet b'mod frawdolenti.

80 L-EUIPO u l-intervenjenti jikkontestaw il-fondatezza ta' din il-parti.

81 Qabelxejn, għandhom jiġu miċħuda l-ewwel u r-raba' argumenti tar-rikorrenti, li jgħidu li, essenzjalment, l-aġir tagħha ma kien jagħtiha l-ebda vantaġġ u ma wassal għal ebda dannu (ara l-punt 79 iktar 'il fuq). Fil-fatt, kif issostni, essenzjalment, l-intervenjenti, għandu jiġi kkonstatat li la r-Regolament Nru 207/2009 u lanqas il-ġurisprudenza ma jipprovdu bażi li tippermetti li jiġi kkunsidrat li, f'dan il-każ, il-fatt li jittieħed vantaġġ jew li jiġi kkawżat dannu huwa rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-*mala fide* tar-rikorrenti waqt il-preżentata tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark ikkontestata.

82 Fir-rigward tat-tieni argument, dwar l-użu tat-trade mark MONOPOLY għal-logħob, il-Bord tal-Appell iddeċieda ġustament, fil-punt 81 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrenti setgħetx effettivament tipprova tali użu kienet irrilevanti, peress li hija l-intenzjoni tal-applikant għal trade mark li għandha tiġi evalwata. Barra minn hekk u fi kwalunkwe każ, kif ifakkar l-EUIPO, l-użu pprovat tal-imsemmija trade mark li tirreferi għaliha r-rikorrenti jirrigwarda biss il-board games, u mhux il-prodotti u s-servizzi kollha li għalihom it-trade mark ikkontestata ġiet iddikjarata invalida.

83 Fl-aħħar nett, l-argument li d-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni ma tkunx tista' tlaħħaq b'każijiet li fihom tiġi invokata l-*mala fide* jekk id-deċiżjoni kkontestata tiġi kkonfermata għandu jiġi miċħud, peress li huwa ineffettiv. Fi kwalunkwe każ, dan l-argument ma huwa ssostanzjat minn ebda prova konkreta u jikkostitwixxi, għaldaqstant, sempliċi spekulazzjoni.

84 Minn dan isegwi li t-tieni parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda.

– Fuq it-tielet parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq l-assenza ta' eżami speċifiku ta' kull waħda mit-trade marks preċedenti

85 Fil-kuntest tat-tielet parti tal-ewwel motiv, l-ewwel, ir-rikorrenti ssostni li l-preżentata tat-trade mark ikkontestata bl-ebda mod ma tissodisfa l-iskema tradizzjonali ta' preżentata mtennija ta' trade mark xi xhur qabel it-tmiem tat-terminu ta' konċessjoni ta' ħames snin. Fil-fehma tagħha, il-Bord tal-Appell għalhekk wettaq żball meta injora l-fatt li, fid-dawl tad-dati ta' reġistrazzjoni

tat-trade marks preċedenti Nri 6 895 511 u 8 950 776, it-trade mark ikkontestata ma ġietx ippreżentata f'data qrib id-data ta' skadenza tat-terminu ta' konċessjoni ta' ħames snin li minnu kienet tibbenefika kull waħda minn dawn it-trade marks preċedenti. It-tieni, ir-rikorrenti tilmenta li l-Bord tal-Appell ittratta l-preżentati tat-trade marks preċedenti bħallikieku fir-realtà kienet l-unika u l-istess preżentata.

86 L-EUIPO u l-intervenjenti jikkontestaw il-fondatezza ta' din il-parti.

87 Fir-rigward tal-ewwel argument invokat mir-rikorrenti, għandu jiġi rrilevat li hija ġustament issostni li l-preżentata tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark ikkontestata ma saritx f'data qrib dik tal-iskadenza tat-termini ta' konċessjoni tat-trade marks preċedenti Nri 6 895 511 u 8 950 776. Fil-fatt, peress li t-trade mark preċedenti Nru 6 895 511 ġiet irreġistrata fil-21 ta' Jannar 2009 u t-trade mark preċedenti Nru 8 950 776 ġiet irreġistrata fit-2 ta' Awwissu 2010, ir-reġistrazzjoni tat-trade mark ikkontestata estendiet it-terminu ta' konċessjoni dwar in-nuqqas ta' użu tal-ewwel waħda minn dawn iż-żewġ trade marks preċedenti b'sentejn u xahrejn għas-servizzi koperti minnha inklużi fil-klassi 41 u estendiet dak tat-tieni waħda minn dawn iż-żewġ trade marks preċedenti bi kważi tmien xhur għall-prodotti koperti minnha inklużi fil-klassi 16.

88 Madankollu, kuntrarjament għal dak li timplika r-rikorrenti, dan il-fatt waħdu ma jistax ikun suffiċjenti sabiex jitqies li hija ma kinitx *in mala fide* fil-mument tal-preżentata tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark ikkontestata.

89 F'dan ir-rigward, kif jenfasizza essenzjalment l-EUIPO, indipendentement mill-perijodu ta' estensjoni ta' terminu ta' konċessjoni, dak li huwa importanti hija l-intenzjoni tal-applikant fil-mument tal-preżentata tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni. Issa, għandu jitfakkar li r-rikorrenti ammettiet, u anki sostniet, li wieħed mill-vantaġġi li ġġustifika l-preżentata tat-trade mark ikkontestata kien li ma kienx hemm bżonn li tiġi pprovduta l-prova tal-użu ġenwin tat-trade mark ikkontestata. Għaldaqstant, minkejja li l-estensjoni tat-termini ta' konċessjoni tat-trade marks preċedenti ma hijiex partikolarment twila, xorta jibqa' l-fatt li r-rikorrenti kisbet il-vantaġġ mixtieq, li ma kienx hemm bżonn li tiġi pprovduta l-prova tal-użu tat-trade mark MONOPOLY għal perijodu addizzjonali ta' sentejn u xahrejn għas-servizzi koperti mit-trade mark preċedenti Nru 6 895 511 inklużi fil-klassi 41 u ta' kważi tmien xhur għall-prodotti koperti mit-trade mark preċedenti Nru 8 950 776 inklużi fil-klassi 16.

90 F'dak li jirrigwarda t-tieni argument, li l-Bord tal-Appell kien ittratta l-preżentati tat-trade marks preċedenti bħallikieku fir-realtà kienet l-unika u l-istess preżentata, dan għandu jiġi miċħud. Fil-fatt, mill-punti 54 sa 62 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta b'mod ċar li l-Bord tal-Appell ħa inkunsiderazzjoni kemm id-diversi prodotti u servizzi koperti mit-trade marks preċedenti kif ukoll id-dati differenti tal-preżentata tal-imsemmija trade marks.

91 Minn dak li ntqal jirriżulta li t-tielet parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda.

– Fuq ir-raba' parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-fatt li r-rikorrenti adottat prattika komuni ġeneralment aċċettata

92 Fil-kuntest tar-raba' parti tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti ssostni, essenzjalment, li l-Bord tal-Appell ma setax jikkunsidra li hija aġixxiet *in mala fide* meta wettqet preżentata mtennija tat-trade marks preċedenti tagħha peress li din kienet prattika industrijali komuni manifestament aċċettata. Hija żżid li ma tistax tiġi akkużata li kienet *in mala fide* peress li hija aġixxiet "b'mod konformi

mal-parir tal-avukati lokali dwar il-preżentati tagħhom b'mod ġenerali". Barra minn hekk, hija tallega li l-Bord tal-Appell ipprova jagħti eżempju biha sabiex juri kif ried jemenda l-leġiżlazzjoni, li huwa jirrikonoxxi fil-punt 87 tad-deċiżjoni kkontestata, li fih huwa ammetta li kien qiegħed ifassal unilateralment leġiżlazzjoni ġdida. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti tallega li, jekk id-deċiżjoni kkontestata tiġi kkonfermata, hija stess u numru kbir ta' proprjetarji oħra ta' trade marks tal-Unjoni Ewropea ser ikollhom id-drittijiet ta' proprjetà tagħhom ikkonfiskati mill-EUIPO.

93 L-EUIPO u l-intervenjenti jikkontestaw il-fondatezza ta' din il-parti.

94 Qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li l-argument ippreżentat mir-rikorrenti fil-kuntest ta' din il-parti ma huwa sostnut bl-ebda mod. Fil-fatt, hija sempliċement tallega li l-preżentata mtennija ta' trade marks preċedenti hija prattika komuni mingħajr ma tipproduċi l-iċken prova insostenn ta' din l-allegazzjoni. Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat li la r-Regolament Nru 207/2009 u lanqas il-ġurisprudenza ma jipprovdu bażi li tippermetti li tiġi eskluża l-possibbiltà ta' *mala fide* tar-rikorrenti minħabba li hija kienet segwiet prattika industrijali komuni u li hija aġixxiet b'mod konformi mal-parir tal-avukati. Kif irrileva ġustament il-Bord tal-Appell fil-punt 78 tad-deċiżjoni kkontestata, is-sempliċi fatt li impriżi oħra jistgħu jirrikorru għal ċerta strateġija ta' preżentata ma jagħmilx din l-istrateġija neċessarjament legali u aċċettabbli. Barra minn hekk, kif jenfasizza essenzjalment l-EUIPO, huwa skont iċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni li għandu jiġi evalwat jekk tali strateġija hijiex konformi mar-Regolament Nru 207/2009 jew le. Issa, mill-iżviluppi preċedenti jirriżulta li r-rikorrenti fittxet deliberatament li tevadi regola fundamentali tad-dritt tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri dik dwar il-prova tal-użu, sabiex tibbenefika minnha b'detriment għall-bilanċ tas-sistema li tirriżulta minn dan id-dritt, kif stabbilit mil-leġiżlatur tal-Unjoni. Konsegwentement, għalkemm xejn ma jipprojbixxi li l-proprjetarju ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea jkun jista' jwettaq preżentata mtennija ta' din it-trade mark, l-intenzjoni tar-rikorrenti għandha titqies li tmur kontra l-għanijiet tar-Regolament Nru 207/2009 (ara l-punt 70 iktar 'il fuq). Għalhekk, fiċ-ċirkustanzi partikolari ta' dan il-każ, ir-rikorrenti, sabiex tinvalida l-evalwazzjoni li tgħid li hija kienet *in mala fide*, ma tista' tinvoka b'mod utli, anki jekk wieħed jassumi li dawn huma stabbiliti, la l-fatt li kien komuni li l-impriżi jadottaw l-istess strateġija ta' preżentata ta' trade marks, u lanqas il-fatt li hija kienet aġixxiet konformement mal-parir tal-avukati.

95 Sussegwentement, fir-rigward tal-argument li, essenzjalment, il-Bord tal-Appell emenda l-leġiżlazzjoni, li huwa jirrikonoxxi fil-punt 87 tad-deċiżjoni kkontestata, dan għandu jiġi miċħud. Fil-fatt, kif tosserva ġustament l-intervenjenti u kuntrarjament għal dak li tallega r-rikorrenti, il-Bord tal-Appell sempliċement applika l-leġiżlazzjoni fis-seħħ kif ukoll il-ġurisprudenza eżistenti u bl-ebda mod ma rrikonoxxa li qiegħed "jemenda l-leġiżlazzjoni". Il-fatt li l-Bord tal-Appell irrefera, fil-punt 87 tad-deċiżjoni kkontestata, għall-ġurisprudenza eżistenti tal-Bordijiet tal-Appell jikkontradixxi barra minn hekk l-argument mhux sostnut tar-rikorrenti.

96 Fl-aħħar nett, l-allegazzjoni li r-rikorrenti u numru kbir ta' proprjetarji oħra ta' trade marks ser ikollhom id-drittijiet ta' proprjetà tagħhom ikkonfiskati mill-EUIPO jekk id-deċiżjoni kkontestata tiġi kkonfermata ma hija sostnuta minn ebda element konkret u tikkostitwixxi, għalhekk, sempliċi spekulazzjoni li tista' biss tiġi miċħuda.

97 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-raba' parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda.

– Fuq il-ħames parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq l-iżball imwettaq mill-Bord tal-Appell sa fejn huwa ddikjara l-invalidità tat-trade mark ikkontestata għall-prodotti msejħa "relatati" koperti minn din it-trade mark, meta dawn il-prodotti ma kinux identiċi għall-prodotti koperti mit-trade marks preċedenti

98 Fil-kuntest tal-ħames parti tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti tikkontesta, essenzjalment, l-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell li l-prodotti li huma "magni tal-logħob; apparat imħaddem bil-muniti (logħob); karti tal-logħob" koperti mit-trade mark ikkontestata, minn naħa, u "logħob u ġugarelli" koperti mit-trade mark preċedenti Nru 238 352, min-naħa l-oħra, huma identiċi.

99 Fil-fehma tagħha, il-fatt li ġie konkluż li dawn il-prodotti kienu identiċi juri n-nuqqas ta' għarfien tad-diversi swieq ikkonċernati. B'mod partikolari, fir-rigward tal-"apparat imħaddem bil-muniti (logħob)", ir-rikorrenti tenfasizza li dan huwa s-suġġett ta' attività rregolata ħafna u huwa mmirat għall-adulti, li jikkostitwixxu pubbliku differenti minn dak li għalih huma intiżi l-ġugarelli jew il-board games. Hija żżid li, meta wieħed jilgħab fuq apparat imħaddem bil-muniti, tqum il-kwistjoni dwar jekk dan l-apparat għandux jiġi kkunsidrat bħala logħba jew ġugarell. Huwa għalhekk li sistema ta' preżentata bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ tqajjem inevitabbilment mistoqsijiet peress li prodotti ma jaqgħux b'mod ċar fi klassi jew oħra.

100 L-EUIPO u l-intervenjenti jikkontestaw il-fondatezza ta' din il-parti.

101 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li l-ebda argument speċifiku ma ġie żviluppat mir-rikorrenti sabiex tipprova turi li l-Bord tal-Appell ikkunsidra b'mod żbaljat li l-"magni tal-logħob" u l-"karti tal-logħob" koperti mit-trade mark ikkontestata u l-"logħob u ġugarelli" koperti mit-trade mark preċedenti Nru 238 352 kienu identiċi. Hija sempliċement tippreżenta, b'mod li ma tantx huwa ssostanzjat, argument dwar l-"apparat imħaddem bil-muniti (logħob)", li ma huwiex identiku għal-"logħob" kopert mit-trade mark preċedenti Nru 238 352.

102 F'dan il-każ, għandu jitfakkar li, essenzjalment, il-Bord tal-Appell ikkunsidra fil-punt 60 tad-deċiżjoni kkontestata li t-termini ġenerali "logħob" u "ġugarelli", li jiddeskrivu ċerti prodotti koperti mit-trade mark preċedenti Nru 238 352, jinkludu l-"magni tal-logħob; apparat imħaddem bil-muniti (logħob); karti tal-logħob". Għalhekk, huwa qies li l-"logħob" u l-"ġugarelli", koperti mit-trade mark preċedenti Nru 238 352, u l-"magni tal-logħob; apparat imħaddem bil-muniti (logħob); karti tal-logħob", koperti mit-trade mark ikkontestata, kienu identiċi.

103 Din l-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell għandha tintlaqa'.

104 Fil-fatt, għalkemm huwa minnu li l-klassifikazzjoni tal-prodotti u tas-servizzi ssir għal finijiet esklużivament amministrattivi, b'tali mod li l-prodotti u s-servizzi ma jistgħux jitqiesu li jixxiebhu għas-sempliċi raġuni li jidhru fl-istess klassi u ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala differenti għas-sempliċi raġuni li jidhru fi klassijiet differenti, għandu jiġi rrilevat li, skont ġurisprudenza stabbilita, prodotti jistgħu jiġu kkunsidrati bħala identiċi meta l-prodotti koperti mill-applikazzjoni għal trade mark huma inklużi f'kategorija iktar ġenerali koperta mit-trade mark preċedenti (ara s-sentenza tas-7 ta' Settembru 2006, Meric vs UASI – Arbora & Ausonia (PAM-PIM'S BABY-PROP), T-133/05, EU:T:2006:247, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

105 Issa, f'dan il-każ, kif isostni l-EUIPO, il-prodotti koperti mit-trade mark ikkontestata, li jaqgħu fil-klassi 28, li huma "magni tal-logħob", "apparat imħaddem bil-muniti (logħob)" u "karti tal-logħob", għandhom jitqiesu bħala inklużi fil-kategorija iktar ġenerali ta' "logħob", li jaqa' wkoll fil-klassi 28, kopert mit-trade mark preċedenti Nru 238 352. Huwa evidenti li l-kunċett ġenerali

ħafna ta' "logħob" ikopri diversi tipi ta' logħob, fosthom dawk koperti mit-trade mark ikkontestata msemmija iktar 'il fuq. Għalhekk il-Bord tal-Appell ma jistax jiġi kkritikat b'mod validu talli kkunsidra li l-prodotti li huma "magni tal-logħob; apparat imħaddem bil-muniti (logħob); karti tal-logħob", koperti mit-trade mark ikkontestata u li jaqgħu fil-klassi 28, u l-"logħob", kopert mit-trade mark preċedenti Nru 238 352 u li jaqa' wkoll fil-klassi 28, kienu identiċi.

106 Fl-aħħar nett, l-argumenti tar-rikorrenti li l-"apparat imħaddem bil-muniti (logħob)" huwa s-suġġett ta' attività rregolata ħafna u huwa mmirat għall-adulti, li jikkostitwixxu pubbliku differenti minn dak li għalih huma intiżi l-ġugarelli jew il-board games, ma humiex rilevanti. Fil-fatt, kif diġà ġie kkonstatat fil-punt 105 iktar 'il fuq, il-kategorija tal-"logħob", kopert mit-trade mark preċedenti Nru 238 352, hija wiesgħa biżżejjed sabiex tinkludi l-"magni tal-logħob", l-"apparat imħaddem bil-muniti (logħob)" u l-"karti tal-logħob", koperti mit-trade mark ikkontestata, u, għaldaqstant, sabiex ikun jista' jitqies li l-imsemmija prodotti koperti minn dawn iż-żewġ trade marks huma identiċi.

107 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ħames parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda.

– Fuq is-sitt parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq l-iżball imwettaq mill-Bord tal-Appell sa fejn huwa kkunsidra li l-aġir tar-rikorrenti ma wassalx għal żieda fl-effikaċja amministrattiva

108 Fil-kuntest tas-sitt parti tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti tikkontesta l-evalwazzjoni li tinsab fil-punt 73 tad-deċiżjoni kkontestata, li essenzjalment kien diffiċli li wieħed jara kif il-piż amministrattiv li għandha fuqha jista' jitnaqqas permezz tal-preżentata mtennija ta' trade mark identika għat-trade marks preċedenti. Fil-fehma tagħha, hija pproduċiet diversi provi, b'mod partikolari x-xhieda, li juru li din il-prattika ppermettitilha tkun amministrattivament iktar effikaċi, filwaqt li l-evalwazzjoni kuntrarja tal-Bord tal-Appell ma hija bbażata fuq l-ebda prova.

109 L-EUIPO u l-intervenjenti jikkontestaw il-fondatezza ta' din il-parti.

110 F'dan il-każ, għandu jiġi enfasizzat li l-evalwazzjoni li tinsab fil-punt 73 tad-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq il-konstatazzjoni tal-fatt li r-rikorrenti ma rrinunzjat għal ebda waħda mit-trade marks preċedenti tagħha, li fil-preżent huma koperti mit-trade mark ikkontestata. Barra minn hekk, il-Bord tal-Appell enfasizza li, hekk kif sostniet l-intervenjenti, iż-"żamma tat-trade marks identiċi eżistenti [kienet tinvolvi] akkumulazzjoni ta' trade marks […], li [kienet] teżiġi żieda fix-xogħol amministrattiv u investiment ikbar minħabba, pereżempju, il-ħlas ta' taxxi għall-preżentata u ta' spejjeż għall-preżentata marbuta mar-rappreżentanti legali għal kull trade mark li għaliha saret applikazzjoni u li ġiet irreġistrata, l-ispejjeż ta' taxxi għat-tiġdid għal kull trade mark, l-ispejjeż ta' segwitu amministrattiv fi ħdan l-impriża tal-proprjetarju u għall-uffiċċju tal-avukati, l-ispejjeż ta' sorveljanza u ta' superviżjoni għad-diversi trade marks sabiex jiġi żgurat li l-ebda trade mark identika u/jew simili ma ġiet ippreżentata, kif ukoll l-ispejjeż marbuta mal-proċedimenti ta' oppożizzjoni mibdija sabiex jiddefendu kull waħda minn dawn id-diversi trade marks".

111 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrenti ma tistax validament issostni li l-Bord tal-Appell wettaq l-evalwazzjoni li tinsab fil-punt 73 tad-deċiżjoni kkontestata mingħajr ma kellu l-iċken prova u billi bbaża ruħu biss fuq il-konvinzjoni tiegħu stess.

112 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li hija pproduċiet provi li jipprovaw l-effikaċja amministrattiva marbuta mal-preżentata tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark ikkontestata, għandu jiġi kkonstatat li dan bl-ebda mod ma huwa sostnut. Fil-fatt, hija sempliċement tindika, minn naħa, li l-preżentata tat-trade mark ikkontestata "kienet il-mod kif ir-rikorrenti kienet tamministra l-portafoll enormi tagħha ta' trade marks" u, min-naħa l-oħra, li hija tuża sistema kompjuterizzata ta' reġistrazzjoni, b'tali mod li l-introduzzjoni ta' trade mark addizzjonali f'din is-sistema ma hijiex att amministrattiv diffiċli.

113 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni kkonċernata, il-Bord tal-Appell ma ħax inkunsiderazzjoni l-importanza tal-kwistjoni tal-prijorità mogħtija lil trade marks preċedenti meta l-proprjetarju tagħhom jkun qiegħed jieħu deċiżjoni fir-rigward tal-possibbiltà tat-tiġdid tagħhom, dan jista' biss jiġi miċħud peress li huwa irrilevanti fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-piż amministrattiv li jaqa' fuq ir-rikorrenti setax jitnaqqas permezz tal-preżentata mtennija ta' trade mark identika għat-trade marks preċedenti.

114 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li s-sitt parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda u, għaldaqstant, l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt għal smigħ xieraq

115 Fil-kuntest tat-tieni motiv, ir-rikorrenti tilmenta li l-Bord tal-Appell, l-ewwel, kiser id-dritt tagħha għal smigħ xieraq, minħabba li huwa bbaża l-evalwazzjoni tiegħu fuq ċerti aspetti tat-tilwima li huwa ma ppreżentax lir-rikorrenti, bi ksur tad-dritt għal proċedura imparzjali, it-tieni, iddeċieda bħala qorti tal-ewwel istanza, u b'hekk iċaħħadha minn livell ta' appell, u, it-tielet, ħa inkunsiderazzjoni każijiet oħra li jikkonċernaw it-trade marks preċedenti mingħajr ma informa lir-rikorrenti b'dan il-fatt.

116 L-EUIPO u l-intervenjenti jikkontestaw il-fondatezza tat-tieni motiv.

117 Preliminarjament, għandu jitfakkar, fir-rigward tal-ksur tad-dritt għal smigħ xieraq invokat mir-rikorrenti, li, skont il-ġurisprudenza, hija prekluża l-applikazzjoni tad-dritt għal "smigħ" xieraq għall-proċedimenti quddiem il-Bordijiet tal-Appell tal-EUIPO, peress li dawn il-proċedimenti ma humiex ta' natura ġudizzjarja, iżda ta' natura amministrattiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2014, Comptoir d'Épicure vs UASI – A-Rosa Akademie (da rosa), T-405/13, mhux ippubblikata, EU:T:2014:1072, punt 71, u tat-3 ta' Mejju 2018, Raise Conseil vs EUIPO – Raizers (RAISE), T-463/17, mhux ippubblikata, EU:T:2018:249, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata). Minn dan isegwi li t-tieni motiv tar-rikorrenti, sa fejn dan huwa bbażat fuq ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, għandu jiġi miċħud bħala infondat.

118 Anki jekk jitqies li t-tieni motiv għandu jiġi interpretat fis-sens li r-rikorrenti tinvoka ksur tad-dritt għal smigħ tagħha bis-saħħa tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 94(1) tar-Regolament 2017/1001), dan għandu jiġi miċħud ukoll.

119 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009, id-deċiżjonijiet tal-EUIPO għandhom ikunu bbażati biss fuq motivi jew provi li fuqhom il-partijiet kellhom il-possibbiltà li jieħdu pożizzjoni. Din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi applikazzjoni speċifika tal-prinċipju ġenerali ta' protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża, stabbilit, barra minn hekk, fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jipprovdi li l-persuni li l-interessi tagħhom huma affettwati minn deċiżjonijiet ta' awtoritajiet

pubbliċi għandhom jitqiegħdu f'pożizzjoni li jesprimu effettivament l-opinjoni tagħhom (ara s-sentenza tat-8 ta' Frar 2013, Piotrowski vs UASI (MEDIGYM), T-33/12, mhux ippubblikata, EU:T:2013:71, punt 16 u l-ġurisprudenza ċċitata).

120 Id-dritt għal smigħ previst fl-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 jestendi għall-punti kollha ta' fatt jew ta' liġi li jikkostitwixxu l-bażi tal-att deċiżjonali, iżda mhux għall-pożizzjoni finali li l-amministrazzjoni għandha l-intenzjoni li tadotta (ara d-digriet tat-8 ta' Settembru 2015, DTL Corporación vs UASI, C-62/15 P, mhux ippubblikat, EU:C:2015:568, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

121 Għandu jingħad ukoll li, f'dan il-każ, kif isostnu, essenzjalment, kemm l-EUIPO kif ukoll l-intervenjenti, mill-iżvolġiment tal-proċedimenti li seħħew quddiem l-istanzi tal-EUIPO jirriżulta li l-partijiet kellhom l-okkażjoni li jiddiskutu aspetti differenti ta' dan il-każ. Għalhekk, fit-12 ta' Novembru 2018, ir-rikorrenti ppreżentat ix-xhieda. Is-seduta quddiem il-Bord tal-Appell seħħet fid-19 ta' Novembru 2018. Fil-21 ta' Jannar 2019, l-intervenjenti ppreżentat osservazzjonijiet dwar il-proċess verbal u l-kontenut tal-proċedura orali, li permezz tagħhom hija talbet li x-xhieda ma tiġix ikkunsidrata, u r-rikorrenti rrispondiet għalihom fit-22 ta' Frar 2019.

122 Issa, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma stabbilixxietx li hija ġiet imċaħħda mill-possibbiltà li tiddeċiedi dwar ċerti aspetti tat-tilwima li fuqhom il-Bord tal-Appell ibbaża l-pożizzjoni finali tiegħu. Għaldaqstant, indipendentement mill-fatt li ma tantx huwa ssostanzjat, l-argument tar-rikorrenti li hija ma ġietx speċifikament mistoqsija dwar ċerti aspetti tat-tilwima ma jistax jintlaqa'.

123 Fl-aħħar nett, fi kwalunkwe każ, mill-ġurisprudenza jirriżulta li d-drittijiet tad-difiża ma jinkisrux minħabba xi irregolarità proċedurali ħlief jekk din ikollha effett konkret fuq il-possibbiltà għall-impriżi inkwistjoni li jiddefendu lilhom innifishom. B'hekk, in-nuqqas ta' osservanza tar-regoli fis-seħħ intiżi sabiex jipproteġu d-drittijiet tad-difiża jista' jivvizzja l-proċedura amministrattiva biss jekk jiġi stabbilit li din setgħet twassal għal riżultat differenti kieku r-regoli ġew osservati (ara s-sentenza tat-12 ta' Mejju 2009, Jurado Hermanos vs UASI (JURADO), T-410/07, EU:T:2009:153, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

124 Issa, f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma ssemmi l-ebda fatt u ma tippreżenta l-ebda argument li jista' juri li, kieku hija kienet ġiet ikkonsultata mill-Bord tal-Appell dwar ċerti aspetti tat-tilwima, il-proċedura amministrattiva setgħet twassal għal riżultat differenti. Hija la tipprovdi ebda informazzjoni dwar il-possibbiltajiet li tiddefendi ruħha, li ġiet imċaħħda minnhom, u lanqas dwar il-provi li hija kienet tipproduċi jew issostni li kieku kellha l-opportunità tieħu pożizzjoni dwar il-mistoqsijiet li, fil-fehma tagħha, kellhom jiġu magħmula lilha.

125 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li jiġi miċħud it-tieni motiv u, għaldaqstant, hemm lok li jiġi miċħud ir-rikors kollu kemm hu, mingħajr ma hemm bżonn li tingħata deċiżjoni dwar l-argument tal-intervenjenti li jeċċepixxi l-inammissibbiltà ta' ċerti annessi prodotti mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali.

Fuq l-ispejjeż

126 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfet, hija għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, konformement mat-talbiet tal-EUIPO u tal-intervenjenti.

127 Barra minn hekk, l-intervenjenti talbet li r-rikorrenti tiġi kkundannata tirrimborsaha l-ispejjeż li hija sostniet għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 190(2) tar-Regoli tal-Proċedura, l-ispejjeż indispensabbli sostnuti mill-partijiet għall-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell għandhom jiġu kkunsidrati bħala spejjeż li jistgħu jinġabru. Għaldaqstant, it-talba tal-intervenjenti intiża sabiex ir-rikorrenti tiġi kkundannata tirrimborsa l-ispejjeż indispensabbli sostnuti minnha għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem it-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO għandha tintlaqa'.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Hasbro, Inc., hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti minn Kreativni Događaji d.o.o. għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem it-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

Marcoulli Frimodt Nielsen Schwarcz

Iliopoulos Norkus

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-21 ta' April 2021.

Firem